MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Talba Numru. 414/2014

**Public Broadcasting Services Limited (C 13140)**

**vs**

**Port Cottonera Hotel Development Co Limited (C 27956)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta’ Gunju 2014, fejn intalab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hames mija hamsa u sebghin Ewro sebgha u sittin centezmi (€575.67c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex s-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, s-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta fit-8 ta’ April 2015 meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija hamsa u sebghin Ewro sebgha u sittin centezmi (€575.67c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------